TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/146/16/S

Simone Armatys
Vs
Dieci Limited

Illum 27 t'April,2017.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Simone Armatys ipprezentata fid-29 ta'Lulju,2016 u r-risposta tas-socjeta Dieci Limited ipprezentata fit-12 t'Awwissu,2016;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni maghmula fis-seduta tas-27 t'Ottubru,2016;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'difett' ossia ticrita f'libsa li r-rikorrenti ghazlet li xorta tixtriha;

Illi r-rikorrenti kkonfermat li rapprezentant tas-socjeta intimata kienet offritilha li din it-ticrita tissewwa mill-hajjata taghhom pero r-rikorrenti ghazlet li tehofha ghand il-hajjata taghha;

Illi n-nuqqas ta'qbil sehh ghax fejn fl-opinjoni tal-hajjata tar-rikorrenti, it-ticrita ma tistax tissewwa, mhux hekk tahseb il-hajjata tas-socjeta intimata;

Illi hadd mill-partijiet ma ressaq lill-hajjata biex jixhdu u konsegwentement, dan il-punt ma setax jigi konfermat;

Illi l-obbligu tal-prova jinkombi dejjem lil min jallega[1] u dan skont l-artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi inoltre dan l-artikolu, hemm ukoll l-artikolu 559 li jistipula li ghandha dejjem issir l-ahjar prova;

Illi r-rikorrenti kienet gja ghamlet id-decizjoni taghha li tixtri l-libsa bit-ticrita li kien hemm minghajr ebda kundizzjoni dwar success ta'tiswija;

Illi r-rikorrenti inghatat skont fuq il-prezz tal-libsa, li ukoll gie accettatr mir-rikorrenti;

Illi dawn il-principji huma sostnuti mit-taghlim ta' Cuturi[2];

[1] Ara ukoll sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (151/05SM) fid-19 ta'Jannar,2011 fl-ismijiet "Martin Degabriele vs Melanie Borg"

[2] "Della Vendita, Della Cessione e Della Permuta", Napoli, Torino, 1915, pg.398 et seq.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Simone Armatys filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata Dieci Limited u Jordna lis-socjeta Dieci Limited tohrog 'credit note' lil Simone Armatys fl-ammont ta' €194.01 validu ghal sena mill-llum, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru